**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 471/97

Mary Elizabeth Debono

vs

Chairman Bank of Valletta Limited

Illum 11 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1992 hija sofriet ingustizzja f'li ma nghatatx promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi hi kienet dahlet tahdem mal-Bank of Valletta fl-1981 bhala clerk 1. Fl-1985 hija lahqet il-grad ta' clerk 2, promozzjoni li

haditha awtomatikament minhabba s-seniority. Hi dejjem ghamlet xogholha kif suppost tant li r-rapport tal-ahhar tas-sena dejjem kienu positivi. Fl-1996 hi hadet il-Performance Award tal-Branch taghha.

Illi hi kienet applikat ghal promozzjoni ta' supervisor 1 fis-sena 1992 l-applikazzjoni taghha lanqas biss giet milqughha, ghaliex skond l-Assistant General Manager Personnel peress li hi kienet ghadha diehla minn sentejn special leave, leave li kienet hadet biex takkumpanja 'l zewgha barra minn Malta kienet tilfet is-seniority. Nghataw promozzjoni ukoll dawk li kienu fuq secondment mal-ministeri u b'hekk barra il-Bank. F'Ottubru 1993 hi kienet regghet ghamlet applikazzjoni ohra ghal Supervisor 1. Din id-darba l-iskuza ghax ma hadietx il-promozzjoni kienet li ma gietx mal-ewwel erbghin li kellu bzonn il-bank.

Ma dan kollu ckerk fl-istess grad taghha b'inqas servizz u esperjenza u li kienet hadt sena u disgha xhur 'special leave' din hallewha taghmel l-interview u konsegwentement nghatat din il-promozzjoni. F'Lulju 1995 kienu hargu promozzjonijiet fuq l-interview li kienu saru fl-1993 u hi regghet giet maqbuza minn nies b'inqas esperjenza u servizz minnha (refrenza cirkolari 44/95). Wara din ic-cirkolari f'laqgha li r-rikorrenti kellha mal-Assistant General Manager giet mgharrfha li kienet marret hazin fl-interview izda hi kien imissha tiehu din il-promozzjoni ezatti wara dawk imsemmija f'din ic-cirkolari.

Illi hi kien bi hsiebha ggib biex isostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li tinghata rimedju billi jigi ordnat illi tinghata l-promozzjoni li haqqha jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJET:**

Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa illi fl-10 ta' Settembru 1997 ir-rikorrenti Mary Elizabeth Debono ipprezentat rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi ssottomettiet li hija kienet ilha tahdem mal-Bank of Valletta mill-1981 bhala clerk 1. Fl-1985 hija lahqet il-grad ta' clerk 2 promozzjoni li haditha awtomatikament minhabba s-seniority. Hi dejjem ghamlet xogholha kif suppost tant li r-rapporti ta' l-ahhar tas-sena dejjem kienu positivi.

Illi hija allegat li kienet applikat ghal promozzjoni ta' Supervisor 1 fis-sena 1992 pero' l-applikazzjoni taghha lanqas biss giet milqugha. Wara diversi promotions exercises l-istess Mary Elizabeth Debono allegat li hija ma haditx promotion.

Illi r-rikorrenti ghaldaqstant talbet li tinghata rimedju billi jigi ordnat illi tinghata il-promozzjoni li haqqha jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddecieidi il-Qorti. Illi ghandu jinghad illi l-Bank of Valletta Limited qatt ma ezercita' promotions li kienu diskriminatorji fil-konfront ta' Mary Elizabeth Debono pero' l-Bank ghamel dak li huwa normali hafna go post tax-xoghol bhal Bank of Valletta li haddiem jiehu promotion wara perjodu ta' servizz u dan skond il-ftehim kollettiv huwa prerogativa tal-Management tal-Bank.

Illi mir-rikors taghha stess l-istess Mary Elizabeth Debono ma allegax fl-ebda waqt li inghataw promotions lill-nies anqas kwalifikati minnha u ghalhekk il-Bank ma jifhimx liema pregudizzju qieghedha tallega l-istess Mary Elizabeth Debono.

Illi l-artiklu 6(1) ta' Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' l-ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn l-1987 u l-1995 jirrizulta dan li gej.

*It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni.*

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrenti la saritilha ingustizzja u lanqas bl-ebda mod ma saritilha *xi distinzjoni*, *eskluzjoni jew*

*preferenza indebita* tul l-impieg taghha mal-Bank of Valletta Limited.

Illi ghaldaqstant l-intimati Bank of Valletta Limited talbu li dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet li dahlet tahdem mal-Bank of Valletta p.l.c. f'Dicembru 1981. Fl-1985 hadet il-grad ta' Clerk 2 minhabba seniority. Fl-1996 inghatat l-Performance Award tal-Branch tal-Marsa. Fl-1992 applikat ghal Supervisor I, izda giet infurmata bil-miktub li l-applikazzjoni taghha ma gietx milqugha minhabba li kienet ghamlet xi perjodu fuq special unpaid leave li kien approvat mill-Bank stess. Semmiet lil Josette Pace li kienet ghada kif irritornat mill-unpaid leave, u lil Sandra Maresca li kienet fuq unpaid leave u nghataw il-promozzjoni. Semmiet lil

Monica Borg u Gemma Depasquale li kienu on secondment u xorta nghataw il-promozzjoni.  Fl-1993 regghet harget call for applications ghal supervisor 1.  Ir-rikorrenti applikat, ghamlet l-interview pero' ma gietx moghtija l-promozzjoni.  Semmiet li Joseph Bartolo u Mario Zerafa li gew promossi minn messagiera ghal Supervisor 1.  Peress li dan il-grad haditu fl-1998 tilfet is-seniority kif ukoll baghtit danni finanzjarji.

In kontro-ezami r-rikorrenti qalet li applikat ghal unpaid leave fl-1989 u hadet sena u nofs u hadmet tlett xhur minnhom, jigifieri s-sena u nofs ma kinux f'daqqa billi fin-nofs ta' dawn is-sena u nofs hadmet tlitt xhur.  Il-grad taghha fl-1989 kien ta' clerk I.

Hubert Caruana Assistent General Manager,  u li bejn l-1987 u l-1997 kien responsabbli ghal Human Resources Division tal-Bank, xehed li kien hemm vacancy ghal madwar 35 Supervisor I u fost l-applications kien hemm l-application ta' Mary Elizabeth Debono pero' il-bank kien ha d-decizjoni li peress li Mary Elizabeth Debono ma kinetx fil-bank fis-sentejn precedenti li ma jsirilhiex l-interview. Kull sena hija regola li jsir appraisal fuq l-individwu tas-sentejn ta' qabel li ma kellhomx tar-rikorrenti.  Dwar child care u secondment etc. fil-collective agreement hemm car li fejn jidhlu child care secondment etc. ma titlef l-ebda beneficcji.

F'Awissu 1993 rega' kien hemm il-promozzjonijiet u kienu saru xi 45 minn xi 140.  Fil-promozzjonijiet tal-1993 l-applikazzjonijiet ta' Mary Elizabeth Debono giet accettata peress li imbaghad kien hemm records peress li kienet qed tahdem il-bank, precisament

ghall-1990. Fl-1993 li Mary Elizabeth Debono ma haditx il-promozzjoni peress li ma gabietx marki sufficjenti skond ir-rekwiziti li kellu l-bank. Ir-rekwiziti li ttiehdu in konsiderazzjoni kienu seniority, merit, kwalifiki, l-esperjenza kif ukoll l-interview.

Kien hemm min ha l-leave minhabba child care u xorta gie promoss, izda dan minhabba kundizzjonijiet li hemm imnizzlin fil-collective agreement. Dwar Ms Depasquale din kienet on secondment mal-Ministeru. Il-collective agreement jghid ukoll li min ikun on secondment jekk jigi biex imur lura fid-dipartiment u ma jibqax il-bank, jibqa' bl-istess beneficcji. Jista' jkun li hadet il-promozzjoni Ms Depasquale meta kienet hemmhekk il-Ministeru. Ma kienx hemm Ms Depasquale biss, izda kien hemm Monica Borg ukoll, li kienet on secondment mill-Ministeru.

Fl-interview ir-rikorrenti ghal kwalifiki ma' nghatatx marki. Joseph Bartolo u Mario Zerafa kienu applikaw u nghataw il-promozzjoni. Dawn kienu clerks u setghu japplikaw. Meta kienu dahlu l-bank, dawn it-tnejn, kellhom grad non-klerikali. Kienu fil-grad ta' Messaggiera. Dawn it-tnejn kienu hadu l-promozzjoni ghal clerk imbaghad setghu japplikaw ghal Supervisor I. Il-grad non-klerikali ma jfissirx li jekk wiehed ikun kapaci ma jistghax javvanza ghal grad klerikali u ghal aktar gradi aktar il-fuq. Kien hemm kazijiet fil-bank fejn minn Messaggier spicca llum Manager III. Tnejn minn dawn huma Axiaq u Farrugia, li t-tnejn huma membri fil-General Workers Union.

Fil-kaz ta' Pace kien hemm break in service izda fl-ahhar sentejn qabel ma naghtat il-promozzjoni kienet taghat performance ta' sentejn jigifieri kellha l-esperjenza l-Bank seta jara x'kienet qed taghmel dawn is-sentejn precedentament tal-promozzjoni. Il-Bank kien iddecieda li ma jittiehdux in konsiderazzjoni it-tmien snin ta' qabel tar-rikorrenti u ghalhekk ddecieda li ma tkunx eliggibli.

Rene' Formosa illum consultant mal-Bank, u li fl-1992 kien General Manager tal-Bank fl-Administration, muri d-dokument a fol 37 tal-process li kien memo intern jirrigwardja l-promotion exercise ghal grad ta' supervisor 1. Din l-ittra hija tas-Sur Caruana li kien AGM Human Resourses. F'dan id-dokument hemm notament isfel li jghid li r-rikorrenti Mary Elizabeth Debono kienet fuq perjodu ta' unpaid leave u kienet irritornat tahdem il-Bank wara dan il-perjodu ta' unpaid leave ghal xahar biss. Minhabba f'hekk kienet giet rtirata l-applikazzjoni taghha ghal grad ta' supervisor 1. Ir-raguni li nghatat ghaliex hija ma gietx kkunsidrata ghall-grad ta' supervisor 1 minhabba li ma kienx hemm appraisal report taghha ricenti minhabba li kienet on unpaid leave.

Sostna li r-rikorrenti kienet tbati minn punti li kienu jaghtu bhala Bank fir-rigward tas-seniority. Meta tkun qed tigi assesjata ghal promozzjoni peress li jkun hemm diversi punti li gew moghtija diversi kriterji.

Mistoqsi fir-rigward ta' Monica Borg ftakar li hija kienet seconded f'Dipartiment tal-Gvern li huwa estranju ghal Bank. Fir-rigward ta' Josette Pace ma ftakar xejn peress li ma ftakarx il-persuna. Il-

collective agreement kien ffirmah hu, izda din il-clause kienet ilha gejja minn qabel dan. Hemm clause mnizzel tal-maternity leave.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph V. Gatt General Manager - Corporate Strategy mal-Bank of Valletta u li tahtu taqa' r-responsabbilta` tal-personnel tal-Bank, liema responsabbilta hadha f'Ottubru tal-1996. Hu ikkonferma li fuq talba tar-rikorrenti hija kienet inghatat "Special Leave". *Special leave* ghal cirkostanza bhal dik, pero`, ma kienx ikkontemplat fil-Ftehim Kollettiv tal-Bank, u ghalhekk il-Bank setgha anke ma japprovahx. Illi s-sejha ghall-promozzjoni ta' Supervisor I ta' l-1992 saret xahar biss wara li hija kienet dahlet lura mill-i*Special leave*, fejn kienet damet barra minn Malta ghal madwar sentejn shah. Peress illi l-promozzjonijiet jinghataw anke fuq bazi ta' *seniority u performance*, hass li d-decizjoni tal-Bank, ta' dak inhar, li ma setax jikkunsidra lir-rikorrenti ghal dak l-ezercizzju partikolari minhabba n-nuqqas taghha minn fuq ix-xoghol ghal sentejn shah immedjatament qabel l-ezercizzju.

Dwar Josette Pace din kienet inghatat l-i*special leave*, izda meta Ms Pace hadet il-promozzjoni f'Ottubru tal-1993, hija kienet ilha li dahlet lura ghax-xoghol ghal madwar kwazi tliet snin. Fil-fatt dahlet lura ghax-xoghol f'Dicembru 1990 wara li kienet ilha sena u nofs fuq *Special Leave*, (li f'nofshom anki hadmet tliet xhur). Setghat ghalhekk facilment tigi kkunsidrata ghall-ezercizzju tal-promozzjoni ghaliex l-"Interviewing Board" kien f'pozizzjoni li jaghmel *assessment* taghha anke fejn jirrigwarda l-*performance*

tas-snin immedjatament qabel l-ezercizzju. Dan ma kienx il-kaz ghar-rikorrenti.

Illi dwar Sandra Maresca li semmietha r-rikorrenti li din sahansitra waqt li kienet fuq "*unpaid leave*" u kienet ghadha lanqas biss dahlet ghax-xoghol, inghatat wkoll il-promozzjoni msemmija fil-fatt din kienet fuq child care leave. Semma dak li jghid il-ftehim kollettiv u cioe`:

*"When an employee is retained by the Bank on unpaid leave by virtue of sickness, injury or any other cause that may be deemed justifiable by the Bank, such period of absence shall not be deducted for the purpose of reckoning his total length of service and seniority."*

Zied li dwar Monica Borg u Gemma Depasquale li kienu sekondati ma' Ministri hemm klawsola apposta fil-Ftehim Kollettiv li tghid li mpjegati li jkunu fuq "secondment" m'ghandhom isofru l-ebda nuqqasijiet tad-drittijiet taghhom sakemm ikunu fuq 'is-secondment". Il-promozzjonijiet, ghalhekk, ta' Monica Borg u Gemma Depasquale waqt li huma kienu fuq 'secondment' kienu perfettament "in regola" mal-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv.

Dwar l-affidavit tar-rikorrenti fejn semmiet lil Joseph Bartolo u Mario Zerafa li minn messaggiera lahqu Supervisor dan mhux minnu ghax gew promossi minn Clerk A u mhux minn grad ta' messaggiera ghalkemm huwa veru li originarjament kienu dahlu bhala messaggiera fl-1971 u fl-1978 rispettivament. Semma li dan

mhux l-uniku kaz izda li hemm nies ohra li bdew bhala messaggiera u spiccaw bhala Managers.

L-ezercizzji tal-promotions li semmiet fejn hija ma haditx il-promozzjoni saru dejjem skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti qieghdha tilmenta li dwar il-promozzjonijiet tal-1992 ghall-grad ta' Supervisor ma gietx kunsidrata waqt li dak tal-1993 ma kenitx wahda minn dawk li ntaghazlu. Dawn iz-zewg ilmenti jridu jigu kunsidrati separatament. Il-bazi tal-ilment tar-rikorrenti tal-1992 hu li wara li kienet hadet special leave il-bank ma kienx accetta l-applikazzjoni taghha u raguni ghal dan il-bank ta li hi kienet ghadha kif kienet fuq leave u ghalhekk ma kellux a dispozizzjoin tieghu l-appraisal reports. Issa r-rikorrenti semmiet diversi kazijiet ohra fejn ghalkemm ma kienux qieghedin jahdmu fil-bank xorta wahda nghataw il-promozzjoni. Issemmiet Josette Pace pero` fil-kaz ta' din il-kaz kien totalment differenti fis-sens li din kienet dahlet lura ghax-xoghol f' Dicembru 1990 u ghalhekk kienet ilha lura sena u nofs fejn setghu saru l-appraisal reports. Ir-rikorrenti semmiet lil Sandra Maresca li pero` kienet harget fuq Child Care Leave; semmiet lil Monica Borg u Gemma Depasquale li kienu sekondati ma' Ministeri izda jirrizulta mill-ftehim kollettiv tal-bank mal-union li fi klawsola 15, u 21-B-iii kien hemm provvdut li dawn ma setghux jittiehdu in konsiderazzjoni kontra l-haddiema. Illi ghalhekk jirrizulta li l-kazijiet li semmiet ta' Pace, Maresca, Borg

u Depasquale kienu kazijiet differenti u biex tghid li saret diskriminazzjoni huwa essenzjali li tikkompara like with like.

Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta’ Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll “Law of the European Convention on Human Rights” - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u “Law and Practice of the European Convention on Human Rights” - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

Illi pero` dan it-Tribunal xorta wahda jinsab preokkupat dwar l-element ta’ gustizzja o meno fid-decizjoni tal-bank li jeskludi a priori lir-rikorrenti milli tigi kunsidrata. Certament li t-Tribunal ma jhossx li l-kazijiet ta’ Pace, Maresca, Borg u Depasquale jistghu jitqiesu bhala ingustizzji ghax kif irrizulta fil-kors tal-kawza dawn kienu provvduti taht il-ftehim kollettiv. Jifhem ukoll it-Tribunal li bhala logika huwa ferm aktar difficli li jsir appraisal veru ta’ kandidat jekk dan ghamel l-ahhar sentejn li ma kienx

qieghed jahdem mal-bank izda fil-fehema tat-Tribunal meta wiehed jikkunsidra li min jinghata maternity leave, child care leave, secondment b' xi mod il-bank jaghmlu dan l-appraisal bl-istess mod kien jinkombi fuq il-bank li jara kif jaghmel u jaghmel l-ahjar appraisal li jista' jaghmel fic-cirkostanzi tal-kaz. Wara kollox dak hu li ghamel fil-kazijiet ta' Pace, Maresca, Borg u Depasquale. Wara kollox dak li jsir ukoll kull darba li persuna tigi impjegata ma' entita` ghall-ewwel darba. Izid ukoll li wara kollox il-bank seta' ha in konsiderazzjoni wkoll l-appraisal reports tas-snin precedenti tar-rikorrenti biex jimxi fuqhom. Naturalment l-ahtar ricenti huma l-aktar importanti izda dan ma setax a priori jeskludi lir-rikorrenti milli tigi kunsidrata ghax setghet teoretikament tmur hazin fuq din is-sezzjoni izda tmur tajjeb fuq il-kriterji l-ohra bhal ma huma kwalifiki, seniority etc. Dan qieghed jinghad aktar bhala principju generali milli specifikament ghall-kaz in ezami minhabba l-fatt li ghalkemm ir-rikorrenti ilmentat minn nuqqas ta' promozzjoni fil-kaz in ezami, hi b' ebda mod ma pproduciet xi dokumenti jew provi ta' kapacitajiet superjuri taghha ghal dawk ta' applikanti ohra li fil-fatt saru. Illi ghalhekk certament dan it-Tribunal ma jistax iqis li r-rikorrenti kien haqqha l-promozzjoni fl-1992 ghax ma ghandu l-ebda skeda komparattiva ta' kwalifiki, esperjenza, seniority etc u f' dan is-sens l-eccezzjoni tal-bank qieghdha tigi milqugha. B' dan pero` it-Tribunal xorta wahda jqis li d-decizjoni li teskludi minn qabel lir-rikorrenti milli tigi kunsidrata kienet in se tammonta ghal ingustizzja ghax eskludietha mill-possibbilta` li tikkwalifika ghax xorta wahda hemm rimedji ohra kif l-appraisal seta' jsir.

Nigu issa biex nezaminaw il-promozzjonijiet tal-1993. Hawn ukoll ir-rikorrenti ma kkwalifikatx izda hawn ma kenitx giet eskluza. Hawn ukoll ma ghamlet ebda prova ta' xi analizi komparattiva dwar kwlaifiki etc taghha ma' dawk ta' applikanti ohra u ghalhekk it-Tribunal ukoll ma jistax jilqa' t-talba taghha. Ir-rikorrenti semmiet lil Joseph Bartolo u Mario Zerafa u sostniet li dawn minn messaggiera saru supervisors izda ma qalitx li fil-fatt dawn kienu precedentement lahqu skrivani u kienu hekk meta applikaw ghall-post ta' supervisor ghax fil-fatt huma kienu dahlu messaggiera mal-bank fl-1971 u fl-1978 rispettivament. Irrizulta wkoll li dan ma kienx l-uniku kaz ta' persuni li dahlu bhala messaggiera u eventwalment lahqu pozizzjonijiet gholja u infatti ssemma min dahal hekk u lahaq il-grad ta' Manager. Illi ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-bank intimat dwar dan l-ilment.

Jibqa' biss ghalhekk li t-Tribunal jezamina x' kumpens ghandha tinghata r-rikorrenti ghall-ingustizzja talli ma gietx kunsidrata fl-1992. It-Tribunal irid iqis ukoll li r-rikorrenti ma kkwalifikatx anqas fl-1993 ghalkemm ikkwalifikat fl-1998. It-Tribunal ihoss li l-ammont in kwistjoni ghandu jkun ta' elf lira (Lm1000). Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat f' dan ir-rigward biss, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal ghalhekk jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez kontra l-intimat.